# 35. Lil Ziti

Twelidt gustuża,
iżda bla dehen, bla sens...
kont piż,
ma ħabbek ħadd
u stmawk qisek paljazza,
temgħuk kemm kemm ma tmutx...
Spiċċajt l-Imgieret
smagata...
mitt waħdek
u ħaduk povra
mingħajr liżar
li jgeżwrek ġo tebutek...
U ma ġie ħadd
jakkumpanjak,
jien biss!
Kont student fqir,
iżda ma stħajtx
mill-faqar tiegħek...
kien hemm jien biss,
kien hemm biss qalbi tħobbok
kien hemm biss id-dmugħ tiegħi.
Minn fuq il-għolja
taċ-ċimiterju,
ħdejn Kurċifiss
mejjet
sieket
u b'għajnejh ċassi fuq il-pjagi tiegħu,
jiena staqsejt
lil dak kollu li jeżisti:
għaliex? għaliex?

*18.1.1970*